# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 502/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Samantha Cuschieri**

Illum 16 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Samantha Cuschieri**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 361192(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli mix-xahar ta' Frar 2019 sa Awwissu 2019, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, liema atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:

1. naqset li tagħti lil Alan Giordimaina s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedha u/jew martu, fi żmien ħmistax(15)-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 31 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha tliet (3) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 2022 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tirrevoka, tħassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti billi tiddikjara li l-appellanti ma kinitx ħatja tal-akkużi dedotti kontriha u subordinatament fil-każ ta' konferma ta' ħtija tirriformaha għal dik li hija l-piena nflitta ta' xahar detenzjoni [sic!] u dana billi tagħti piena aktar xierqa u ġusta għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tressaq żewġ aggravji.

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti tisħaq li hija ma kellhiex tinstab ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha. Hija tgħid li l-*parte civile* kien jaf bil-fatt li hija kienet ġiet sentenzjata għal piena karċerarja u ma kinitx f'pożizzjoni fattwali tħallas il-mantentiment

relattiv. Hija tgħid li l-*parte civile* kien jaf b'dan il-fatt u baqa' sieket għal diversi xhur, ma talab qatt il-ħlas minn għandha u għamel il-kwerela li wasslet għall-imputazzjoni relattiva meta ried.

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem dak sottomess mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha fejn jirrigwarda l-ewwel aggravju tagħha, tifhem ukoll li l-*parte civile* għamel dak li kellu jagħmel skont il-liġi u xejn aktar.

Illi r-raġunijiet mressqa mill-appellanti fl-ewwel aggravju tagħha bla ebda mod ma jwasslu lil din il-Qorti tilqa' dan l-istess aggravju u għaldaqstant għamlet sew l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellanti fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata kontra tagħha. B'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellanti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Hija tilmenta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda eżaġerata.

Illi l-Qorti jirriżultalha li tul is-smiegħ ta' dan l-appell, l-appellanti ħallset l-ammont dovut minnha lil *parte civile* u li da parte tiegħu l-*parte civile* nforma lill-Qorti li l-ammont kollu relatat mal-proċeduri odjerni ġie saldat u li kien qed jirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli.

Illi stante illi l-kontravenzjoni in kwistjoni hija kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li għad illi mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata ħlief jekk dik il-Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dik il-konklużjoni, madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress f'Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut. In fatti, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 124/2003)

mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u b'hekk ser ikun hemm temperament fil-piena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Samantha Cuschieri u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-appellanti għall-imputazzjoni addebitata lilha, tgħaddi biex tvarja l-piena nflitta u wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**